Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 1 ta' Diċembru 2023**
**(OR. en)**

**16042/23**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2021/0395(COD)**

**EJUSTICE 66**
**JURINFO 17**
**JAI 1572**
**JUSTCIV 181**
**COPEN 419**
**CODEC 2281**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Abbozz ta' DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttivi 2011/99/UE u 2014/41/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttiva tal-Kunsill 2003/8/KE u d-Deċiżjonijiet Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI, 2003/577/ĠAI, 2005/214/ĠAI, 2006/783/ĠAI, 2008/909/ĠAI, 2008/947/ĠAI, 2009/829/ĠAI u 2009/948/ĠAI, fir-rigward tad-diġitalizzazzjoni tal-kooperazzjoni ġudizzjarja **(l-ewwel qari)**<br>- Adozzjoni tal-att leġiżlattiv |

1. Fl-1 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta tagħha[1] lill-Kunsill, ibbażata fuq l-Artikolu 81(2)(e) u (f) u l-Artikolu 82(1)(d) TFUE.

2. Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data bagħat il-kummenti formali tiegħu fil-25 ta' Jannar 2022[2].

3. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fid-19 ta' Mejju 2022[3].

[1] 14821/21 + ADD1 sa ADD3.
[2] https://edps.europa.eu/system/files/2022-01/2022-01-25_edps_comments_justice_digitalisation_en.pdf
[3] ĠU C 323, 26.8.2022, p. 77.

4. Fit-23 ta' Novembru 2023, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni. L-eżitu tal-votazzjoni fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għalhekk għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill[4].

5. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill[5][6] japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tinsab fid-dokument PE-CONS 51/23, bħala punt "A" tal-aġenda f'laqgħa li jmiss.

6. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġiżlattiv ser jiġi adottat.

   Wara li jiġi ffirmat mill-Presidenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-att leġiżlattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

---

[4] 15900/23.

[5] F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva u mhijiex marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

[6] F'konformità mal-Artikoli 1, 2 u 4a(1) tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, l-Irlanda mhix qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva u mhix marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha.